MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Numru. 501/2004

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Emanuel Cilia

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Emanuel Cilia ta' 26 sena, mwieled Pieta' nhar it-18 ta' Jannar 1976, bin il-mejjet Nicholas u Georgina nee' Farrugia, reisdenti gewwa Flat 4, Bini tal-Gvern, Entratura A, Triq il-Kbira, Zebbug (Malta) u detentur tal-karta tal-identita' numru 83978(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-Gzejjer u cioe' nhar it-28 ta' Mejju 2003 u id-29 ta' Mejju 2003 kif ukoll f' diversi granet ohra b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li kisru l-istess

dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ;

1. Bhala Ufficjal jew impjegat pubbliku illi, taht il-Libsa tal-Kariga jew impjieg tieghu dahal barra minn fil-kazijiet permessi mil-Ligi, jew minghajr ma hares il-formalitajiet mehtiega mil-Ligi, f'dar jew bini iehor jew recint ta' haddiehor bi skop kontra il-Ligi ghall-interessi privat u dan ai terminu tal-Artikoli 136 (1), (2) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess zminijiet, taht l-istess cirkostanzi bhala ufficjal pubbliku dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li jaghmel xi att billi kkommetta taghkis jew xi hsara lejn haddiehor u dan ai terminu tal-artikoli 138 u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess zminijiet, taht l-istess cirkostanzi bhala ufficjal pubbliku ma issorveljax kif inhu fid-dmir tieghu jew ma impedixxiex sabiex ma jsirx reat u dan ai terminu tal-artikolu 141 tall-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Gunju 2004 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-29 ta' Mejju 2003 il-Pulizija rceviet rapport minghand Dr. Emanuel Gatt f'isem Maria Thatcher li l-imputat li huwa kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija u ghandu n-numru 1572

kien mar id-dar tal-imsemmija Thatcher f'San Gwann jakkompanja Marixxal tal-Qorti sabiex jissekwestrawlha vettura. Minn investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija (ara xhieda tal-Ispettur Kenneth Haber a fol. 16 sa 18 tal-process) jirrizulta li l-imputat kien allegatament qieghed imur jassisti sabiex jingabru xi flus ghal certu Antoine Autodealer meta huwa kien ikun off duty u li kien imur jaghmel dan bl-uniformi ta' Pulizija. Apparti r-rapport tal-imsemmija Margaret Thatcher il-Pulizija rceviet rapport iehor minghand certu Antonia Camilleri fejn hija qalet lil Pulizija li l-imputat liebes l-uniformi tal-Pulizija kien mar id-dar taghha sabiex ghan-nom tal-Autodealer Vassallo mir-Rabat jigbor xi flus li kienu ghadhom dovuti fuq vettura mixtrija min binha izda li kienet registrata fuq isimha.

L-imsemmija Antonia Camilleri fil-fatt xehdet f'dawn il-proceduri fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2009 fejn hija identifikat lill-mputat bhala l-persuna li liebes l-uniformi tal-Pulizija talabha thallas is-somma ta' Lm500 fuq vettura li binha kien xtara minghand Autodealer mir-Rabat liema vettura kienet registrata fuq isimha. Hija spjegat li kienet cemplet lil binha u dan mar fuq il-post u qal lill-imputat li kien ser imur igib il-flus izda minflok mar jaghmel rapport lil Pulizija. Hija qalet li llum il-gurnata m'ghadx ghandha interess tipprocedi kontra l-imputat basta li huwa ma jergax imur jitlobhom il-flus.

Mary Spiteri Thatcher xehdet f'dawn il-proceduri fl-udjenza tal-25 ta' Lulju 2008 fejn hija spjegat li kienu marru tlett marixxalli tal-Qorti fir-residenza taghha peress illi kellha kwisjtoni dwar vettura u hija kienet ma tiflahx u ghalhekk kienet nizlet bintha Jade Cosaitis sabiex titkellem maghhom. Hija qalet li kienet harget fil-gallarija u rat lil bintha tkellem lil marixxalli u rat vettura privata tasal fuq il-post f'liema vettura kien hemm mara u pulizija. Hija qalet li l-Pulizija beda jitkellem ma bintha sabiex ibezzaghha.

Jade Cosaitis bint Spiteri Thatcher xehdet f'dawn il-proceduri fit-30 ta' Jannar 2009 fejn hija qalet li fit-28 ta' Mejju 2003 kienu marru xi marixxalli tal-Qorti sabiex jissekwestraw vettura propjeta' t'ommha. Hija spjegat li

fuq il-post kienet waslet vettura privata li fiha kien hemm l-imputat liebes ta’ Pulizija u huwa qalilha li kien ser jarrestaha jekk ma tikkonsenjax il-vettura. Hija qalet inoltre li dan il-kliem qalulha l-ewwel il-Marixxal tal-Qorti.

F’dawn il-proceduri xehdu wkoll il-marixxalli Joseph Abela (traskrizzjoni tax-xhieda iinserita a fol. 33 u 34 tal-process), Frans Fenech (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 35 u 36 tal-process), u Carmelo Xuereb (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 58 u 59 tal-process). Joseph Abela spjega li f’Mejju 2003 huwa kien l-ufficjal inkarigat sabiex jesegwixxi mandat ta’ qbid fuq vettura minn indirizz f’San Gwann. Huwa jghid li meta mar jesegwixxi dan il-mandat kellmitu bint id-debitrici u waqt li kienu qed jiddiskutu dwar is-sejbien ta’ konsenjatarju waslet is-segretarja tal-kreditur fuq il-post akkompanjata mill-imputat li kien liebes l-uniformi ta’ Pulizija. Il-Marixxal Abela qal li huwa kien qal lis-segretarja tal-kreditur li ma kellux bzonn l-assistenza tal-Pulizija  u ghalhekk l-imputat mar fil-vettura li kien wasal biha fuq il-post. Il-marixxal Frans Fenech meta xehed qal li ma kien qed jaghraf lil hadd li kien prezenti waqt ezekuzzjoni ta’ mandat ta’ qbid li kellu jigi esegwit fir-residenza ta’ Mary Spiteri Thatcher. Il-Marixxal Xuereb xehed li huwa kien assista lil Marixxal Abela fl-ezekuzzjoni ta’ Mandat ta’ Qbid fuq vettura gewwa San Gwann. Huwa ftakar li fuq il-post kien gie pulizija liebes l-unfiormi izda huwa ma kienx f’posizzjoni jaghraf lill-imsemmi Pulizija. Huwa qal li l-Pulizija m’ghamel xejn meta mar fuq il-post u jidhirlu li dan fil-fatt kien baqa’ il-hin kollu fil-vettura.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet (wahda inserita a fol. 19 u l-ohra inserita a fol. 20 tal-process fejn huwa cahad kategorikament li fit-28 ta’ Mejju 2003 huwa kien mar f’residenza f’San Giljan liebes l-uniformi sabiex jissekwestra vettura. Huwa ikkonferma li dakinhar kien off duty u cahad li huwa kien qed juza l-uniformi sabiex jigbor flus ghal Antoine Autodealer. Dwar id-29 ta’ Mejju 2003 l-imputat qal li huwa kien sejjer id-dar Haz-Zebbug jiekol wara li mar jigbor l-uniformi minghand it-tfajla tieghu li

toqghod Haz-Zabbar u huwa mbaghad kien ser imur night duty fl-Ghassa taz-Zurrieq. Waqt li kien qed isuq fil-Pjazza ta’ Bormla waqfet il-karozza u t-tfajla tieghu li kienet qed takkompanjah nizlet mill-vettura u bdiet miexja lejn Haz-Zabbar sabiex tghid lil missierha jigi jigbor lill-imputat. Sadanittant ghaddiet iz-zija tal-imputat certu Sue Bartolo li waqfet tistaqsi lill-imputat xi gralu u hija ofriet li twasslu sa pompa tal-petrol sabiex jixtri l-petrol izda qaltlu li qabel kellha tmur ghand xi nies il-Verdala sabiex tigbor xi flus. L-imputat jghid li huwa baqa’ fil-vettura taghha waqt li hija nizlet sabiex tigbor il-flus izda wara xi hin sema’ xi ghajjat u daggha u ghalhekk mar jara zitu kellhiex bzonn xi ghajnuna izda meta wasal hdejn zitu s-sitwazzjoni kienet ikkalmat u wara ftit sid id-dar qaltlu li kienu qed icemplu mill-Ghassa ta’ Bormla u riedu jkellmuh u huwa ghalhekk kien mar l-Ghassa ta’ Bormla fejn gie infurmat li kien mar xi hadd jaghmel rapport fil-konfronti tieghu li huwa kien qed jigbor il-flus ghal privat waqt li kien bl-uniformi. L-imputat cahad li kien qed jaghmel dan. Huwa ghazel illi jixhed f’dawn il-proceduri (xhieda relattiva inserita  fol. 89 sa 93 tal-process) fejn irribadixxa dak li kien qal fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati.

Illi f’dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 136(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ r-reat ta’ dhul f’dar kontra l-ligi minn ufficjal pubbliku kif ukoll bir-reat kontemplat fl-Artikolu 138 tal-Kodici Kriminali u cioe’ bi ksur doluz ta’ dmirijiet ufficjali u bl-aggaravanti msemmi fl-Artikolu 141. Wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz l-Qorti jidrilha li ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat ma tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. La mix-xhieda ta’ Mary Spiteri Thatcher u l-anqas minn dik ta’ Antonia Camilleri ma jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat dahal minghajr setgha fid-dar jew fil-bini ta’ hadddiehor ghaliex fil-kaz ta’ Spiteri Thatcher iz-zewg marixxalli kkonfermaw li l-imputat bl-ebda mod ma ntervjena fix-xoghol taghhom, li fi kwalunkwe kaz sar barra, u dawn qalu li huwa qaghad fil-vettura privata li wasal biha fuq il-post. Fil-kaz ta’ Camilleri hija fl-ebda hin ma tghid li l-imputat dahal fid-dar taghha, kull ma tghid li huwa mar jigbor il-flus dovuti lil

Antoine Autodealer fuq vettura li binha kien xtara minghand dan tal-ahhar. Irid jigi rilevat li din ix-xhud la indikat il-data u l-anqas il-hin meta l-imputat mar fir-residenza taghha u l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta r-rapport relattiv maghmul minn iben Camilleri. Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni l-anqas ma jirrizulta l-ksur doluz tad-dmirijiet tieghu da parti tal-imputat li sar b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------